MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2012

Numru. 814/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Bernard C. Spiteri ]**

**Vs**

**Stephen Nappa**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Nappa detentur tal-karta tal-identita` numru 554480(M.

Akkuzat talli nhar is-6 t'April 2011, f'xi hin bejn id-9:00 ta' filghodu u l-11:00 ta' filghodu waqt li kien qieghed gewwa l-hanut li jgib l-isem ta' A to Z Electronics u li jinsab fi Triq il-Pitkali, Attard:
1. ikkommetta serq ta' laptop u x'oggetti ohrajn li l-valur taghhom jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li hu ta' anqas

minn elfejn tliet mija uj disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq hu kwalifikat bil-valur u dan ghad-dannu ta' Complete IS Services;
2. u aktar talli laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u xjentament, b'kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
3. u aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat li ghalkemm fl-ezami l-imputat wiegeb li mhuwiex hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih, huwa rregistra l-ammissjoni tieghu fis-7 ta' Mejju 2012 u kkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, fejn l-imputat vverbalizza li hu lest li jhallas is-somma derubata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 267, 279(a), 334, 49 u 50 tal-Kap. 9 issib lill-imputat Stephen Nappa hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante li t-tieni akkuza hi alternattiva ghall-ewwel akkuza qeghda tpoggih taht Probation Order ghal tlett (3) snin taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446.

Il-Qorti tordna wkoll illi l-imputat ihallas is-somma ta' erba' mija u hamsin Ewro (€450) lill-kumpanija Compleet Services Limited fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------